DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Jannar 2008

li tistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għan-nefqa mġarrba mill-Ġermanja fil-kuntest tal-miżuri ta' emerġenza meħuda għall-ġlieda kontra t-tifqigħa ta' l-influwenza tat-tjur fl-2003

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 144)

(It-test bil-Ġermaniż biss hu awtentiku)

(2008/67/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-qasam veterinarju [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3, il-paragrafu 3 u l-Artikolu 3(a) tagħha,

Billi:

(1) Seħħew tifqigħat ta' l-influwenza tat-tjur fil-Ġermanja fl-2003. Il-feġġ ta' din il-marda jista' jirrappreżenta riskju serju għall-popolazzjoni tal-bhejjem tal-Komunità.

(2) Biex jiġi evitat it-tixrid tal-marda u biex tinqered kemm jista' jkun malajr, il-Komunità għandha tikkontribwixxi finanzjarjament għan-nefqa eliġibbli mġarrba mill-Istat Membru skond il-miżuri ta' emerġenza meħuda biex tkun ikkumbattuta l-marda, kif previst fid-Deċiżjoni 90/424/KEE.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/51/KE tat-23 ta' Diċembru 2003 dwar kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità fl-ambitu tal-qerda ta' l-influwenza tat-tjur fil-Ġermanja fl-2003 [2] allokat kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità lill-Ġermanja għan-nefqa mġarrba fil-kuntest tal-miżuri ta' emerġenza għall-ġlieda kontra din l-influwenza fl-2003.

(4) Skond dik id-Deċiżjoni, sar l-ewwel pagament ta' EUR 135 000.

(5) Skond dik id-Deċiżjoni, il-bilanċ tal-kontribuzzjoni Komunitarja għandu jkun ibbażat fuq it-talba mressqa mill-Ġermanja fil-25 ta' Frar 2004, dokumenti ta' sostenn ta' l-ispejjeż imsemmija fit-talba u r-riżultati tal-verifiki finanzjarji mwettqa fuq il-post mill-Kummissjoni. L-ammont imsemmi fit-talba ta' kontribuzzjoni għall-ispejjeż ta' l-2003 kienet ta' EUR 514 392,42 iżda l-kontribut finanzjarju tal-Komunità ma jistax taqbeż il-50 % tan-nefqa eliġibbli.

(6) Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, issa jeħtieġ li jiġi stipulat l-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-infiq li sar bil-ħsieb ta' l-eradikazzjoni tat-tifqigħa ta' l-influwenza tat-tjur fil-Ġermanja fl-2003.

(7) Il-konklużjoni tar-riżultati tal-verifiki mwettqa mill-Kummissjoni f'konformità mar-regoli veterinarji tal-Komunità u l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji Komunitarji ma jippermettux li l-ammont kollu tan-nefqa mressaq jiġi rikonoxxut bħala eliġibbli.

(8) L-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni u l-metodu tagħha għall-kalkolu tan-nefqa eliġibbli ġew ikkomunikati lill-Ġermanja permezz ta' ittra bid-data tal-21 ta' Novembru 2007.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-infiq marbut ma' l-eradikazzjoni tat-tifqigħa ta' l-influwenza tat-tjur fil-Ġermanja fl-2003, dovut skond id-Deċiżjoni 2004/51/KE, huwa stipulat għal EUR 239 196,53.

Billi diġà ngħata l-ewwel pagament ta' EUR 135 000 skond id-Deċiżjoni 2004/51/KE, il-bilanċ tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità huwa stipulat għal EUR 104 196,53.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmula fi Brussell, 21 ta' Jannar 2008.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Id-Deċizjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2006/965/KE (ĠU L 397, 30.12.2006, p. 22).

[2] ĠU L 10, 16.1.2004, p. 60. Din id-Deċiżjoni ma ġietx ippubblikata bil-Malti.